16 ta' Ottubru, 1950

Imħallef :

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Michele Casha *versus* Edgar Naudi

**Retratt — Rivendizzjoni — Rexissjoni — Konsangwineità — Parentela Illeġittima — Vizzju tal-Kunsens — Żball — Ekwipollenza — Transazzjoni — Art. 1511, 1017, 1018 u 1019 tal-Kodiċi Civili.**

*It-tfal illeġittimi ma humiex konsangwinei għall-finijiet ta' l-irkupru; u għalhekk huma ma jistgħux jeżerċitaw id-dritt tar-retratt bit-titolu tal-konsangwineità. Hekk ukoll, billi waħda mill-kondizzjonijiet rikjesti mill-liġi biex ikun hemm dritt ta' retratt bit-titolu tal-konsangwineità hija illi l-fond irkuprat ikun appartiena lil axxendent komuni għar-retraent u għall-venditur, u illi dak il-fond ma jkunx għadda għand barranin bejn meta kien jappartjeni lil dak l-axxendent u meta ġie mibjugħ, id-dixxendenti ta' dawk it-*

*tfal illeġittimi ma għandhomx dritt jirkupraw dak il-fond, għax l-istess, meta għadda għand l-awtur tagħhom, għadda għana barrani u hekk ħareġ mid-dixxendenza ta' dak l-axxendent komuni.*

*Il-veru karattru ta' konvenzjoni ma jiġix determinat mill-kliem użat fil-konvenzjoni, imma min-natura intrinseka tal-pattijiet li dik il-konvenzjoni tikkontjeni; u għalhekk, biex ftehim jista' jingħad li huwa transazzjoni, mhux biżżejjed li fil-kitba jiġi hekk kwalifikat, imma hemm bżonn illi l-pattijiet kontenuti fil-ftehim — apparti l-forma estrinseka meħtieġa għall-att—ikollhom in-natura ta' transazzjoni.*

*Ma hemmx transazzjoni meta l-partijiet jiftehmu fuq ħaġa li dwarha ma kellhom ebda dubju. Meta huma jiftehmu mingħajr ma kellhom ebda dubju dwar id-drittijiet tagħhom rispettivi fuq dik il-ħaġa, huma jagħmlu konvenzjoni ta' konċiljazzjoni, jew kompromess, jew xi xorta ta' ftehim ieħor li, għalkemm ikollu xi ħaġa komuni mat-transazzjoni, ikun però ftehim divers li jifforma figura ġuridika diversa mit-transazzjoni, u li ma jkunx regolat mir-regoli tat-transazzjoni, imma minn regoli oħra.*

*Il-kunsens ma jiswiex jekk ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza jew b'egħmil doluż.*

*Jekk l-iżball ikun ta' liġi, ma jġibx nullità tal-ftehim ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim.*

*Jekk l-iżball ikun ta' fatt, ma jġibx in-nullità tal-ftehim ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-fehim; u l-ftehim ma jkunx null jekk l-iżball jaqa' biss fuq il-persuna li magħha jkun sar il-ftehim, ħlief meta l-għażla ta' dik il-persuna tkun il-kawża ewlenija ta' dak il-ftehim.*

*Żball dwar il-persuna li magħha tkun saret il-konvenzjoni huwa żball ta' fatt; u kwalunkwe kuntratt nominat, kompriża t-transazzjoni, u kwalunkwe konvenzjoni innominata, jistgħu jiġu mpunjati bin-nullità minħabba dan l-iżball.*

*Rivendizzjoni li tkun saret għax ir-retrattarju kien ta' l-opinjoni li r-retraent kellu d-dritt jirkupra tiġi li saret taħt żball dwar il-persuna tar-retraent; u tista' tiġi mpunjata u rexissa mħabba dak l-iżball, jekk l-istess kien il-motiv li ddetermina lir-retrattarju jagħmel dik ir-rivendizzjoni.*

*Barra minn dan, rivendizzjoni simili tkun anki nfiċjata minn żball ta' dritt, jekk jirriżulta li r-retraent ma kellux it-titolu li vvanta meta eżerċita l-irkupru.*

*It-talba għar-rexissjoni ta' l-att tar-rivendizzjoni timporta "per equipollens" l-annullament ta' kwalunkwe konvenzjoni li fuqha dik l-istess rivendizzjoni ġiet magħmula.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u provvediment opportun, billi l-attur, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza tat-18 ta' April 1947, kien ħa b'ċens, flimkien ma' fondi oħra, erba' remissi li jinsabu l-Marsa, fi triq mingħajr isem li tidħol għaliha minn Prince Albert Street, u jġibu n-numri 11, 12, 13 u 14, bil-komplessiv ċens annwu perpetwu ta' £17; u billi l-konvenut irkupra l-imsemmijin fondi b'ċedola tas-26 ta' Awissu 1947, mill-poter ta' l-attur b'titolu ta' konsangwineità u bi kwalunkwe titolu ieħor validu fil-liġi; u billi b'nota tat-12 ta' Settembru 1947 il-konvenut irrinunzja għall-irkupru minnu eżerċitat fuq il-fondi l-oħra u żammu sħiħ relativament għall-erba' remissi fuq indikati, u l-attur irrivenda l-erba' remissi fuq menzjonati dak in-nhar stess; premess illi l-konvenut ma għandux, u ma kellux, ebda dritt jirkupra l-imsemmijin remissi, billi huwa m'huwiex konsangwineu tal-konċedenti Eleonora Fenech fit-termini tal-liġi, u lanqas għandu ebda titolu ieħor għall-irkupru fuq imsemmi, jiġi dikjarat u deċiż illi l-konvenut eżerċita l-irkupru in mala fede, ċjoè b'konjizzjoni sħiħa ta' l-insussistenza tit-titoli minnu vantati, u in konsegwenza l-irkupru fuq imsemmi jiġi dikjarat nullament eżerċitat minħabba n-nuqqas ta' "giusto titolo", u r-rivendizzjoni tiġi rexissa mħabba vizzju fil-kunsens u nuqqas ta' kawża, billi dak il-kunsens ġie karpit mill-konvenut, u billi r-rivendizzjoni ta' l-attur ġiet magħmula in bażi għall-irkupru nullament eżerċitat. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-24 ta' Novembru 1949, kontra l-konvenut;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirriżultaw dawn il-fattijiet, biex ingħidulhom hekk, ta' indoli ġenerali, u li jikkostitwixxu l-isfond ta' l-azzjoni; ċjoè :—

1. *L-attur Michele Casha, fl-attijiet tan-Nutar Victor* Bisazza tat-18 ta' April 1947, ħa minn għand Eleonora Fenech........... b'konċessjoni enfitewtika perpetwa (1) il-mezzanin terran...........;

2. Fis-26 ta' Awissu 1947 il-konvenut........... irkupra mill-poter ta' l-attur il-fondi fuq imsemmija in forza tat-titolu ta' konsangwineità, peress illi l-fondi kienu ta' proprjetà ta' Francesco Saverio Fenech, nannu tal-konvenut u tal-konċedenti Eleonora Fenech (ara dok. "A" fol. 4 tal-proċess);

3. L-imsemmija Eleonora Fenech........... kienet wirtet il-beni fuq imsemmija minn għand missierha Alfredo Fenech...........;

4. Fit-12 ta' Settembru 1947, wara l-attijiet taċ-ċedola ta' l-irkupru nru. 141 fuq imsemmija, saret nota ta' Edgar Naudi u Michele Casha flimkien, fejn jidher li biha Edgar Naudi irrinunzja għall-irkupru minnu eżerċitat b'dika ċ-ċedola riferibilment għall-fondi...........; u in vista ta' dina ċ-ċessjoni u rinunzja Michele Casha obliga ruħu li dak l-istess jum jagħmel a favur ta' Naudi, li kien pront jaċċetta, ir-rivendizzjoni ta' l-erba' remissi fuq imsemmijin...........;

5. Fis-17 ta' Settembru 1947........... Michele Casha ........... għamel ir-rivendizzjoni a favur ta' Edgar Baldassare Naudi ta' l-enfitewsi għal dejjem ta' l-erba' remissi fuq imsemmija...........;

6. Li mhux kontestat li l-bini "de quo agitur" imnisslin mill-kapostipiti Francesco Saverio Fenech, u li l-konvenut huwa neputi leġittimu u naturali tiegħu "ex matre", mentri Eleonora Fenech hija tifla biss naturali ta' Alfredo Fenech bin Francesco Saverio Fenech;

Illi barra minn dawn il-fattijiet ta' indoli ġenerali, jirriżultaw mill-provi dawn il-fattijiet ta' indoli partikulari, ċjoè:—

1. Li meta l-konvenut eżerċita l-irkupru, l-attur kien digà għamel spejjeż utili...........;

2. Li l-attur, malli rċieva n-notifika taċ-ċedola ta' l-irkupru, kien mar għand l-avukat...........; u dana, milli jidher, qal lill-attur li huwa ma seta' jagħmel xejn di fronti għal dak l-eżerċizzju ħlief jirrivendi; b'mod li l-attur ma setax ħlief ikollu f'rasu li l-konvenut kellu d-dritt jieħu, in forza tat-titolu li qal li kellu, il-fondi mibjugħa;

3. Li l-attur, imgħajjat b'ittra privata mill-konvenut biex ikellmu fuq dina l-kwistjoni, persważ li l-konvenut kellu d-dritt li jirkupra, ried jagħti b'xejn lill-konvenut wieħed mill-postijiet (remissa) sabiex il-konvenut jirrinunzja għall-irkupru

dwar il-kumplament tal-bini li fuqu sar l-eżerċizzju msemmi, *imma* l-konvenut ma ftihemx miegħu, għax ippretenda.........;

4. Li l-konvenut kien ċert li jista' jirkupra, u li fuq dana d-dritt qatt ma qamet kwistjoni bejn il-kontendenti, li jgħidu li t-tnejn ġew jafu li ma kienx *jeżisti* dak id-dritt wara li għamlu l-konvenzjoni msemmija fl-attijiet, għalkemm kienu jafu li Eleonora Fenech kienet biss tifla naturali ta' Alfredo Fenech bin Francesco Saverio;

5. Li l-konvenut ried jasal għal dik il-konvenzjoni msemmija, u li ġiet fuqha u *in bażi* tagħha magħmula r-rivendizzjoni, il-għaliex kien hemm xi benefikati........... u li kien għalhekk li aċċetta li jżomm l-erba' remissi biss........... u mhux għax huwa ma kienx allura soġġettivament ċert middritt tiegħu li jirkupra, li hu għamel dak li għamel;

6. Li l-attur ġie jaf *bin-nuqqas ta'* dritt imsemmi talkonvenut wara l-attijiet tat-2 u 4 ta' Diċembru 1948...........;

7. Li l-attur, fl-24 ta' Novembru 1949, għamel ittra uffiċjali lill-konvenut dwar il-kwistjoni tal-lum...........;

Ikkunsidrat;

Illi wara li ġew relatati dawna l-*fattijiet*, ġenerali u partikulari, a bażi tal-kawża tal-lum, dina l-Qorti sejra tgħaddi biex tistudja l-kwistjoni jekk il-konvenut kellux jew le bi dritt tat-titolu ta' konsangwineità, jirkupra l-fondijiet imsemmija fiċ-ċedola tiegħu;

Illi jerġa' jingħad, qabel xejn, li l-fatt li Eleonora Fenech kienet tifla spurja ta' Alfredo Fenech........... mhux in kontestazzjoni...........;

Illi, kif qal tajjeb l-attur fin-nota ta' l-osservazzjonijiet, fl-art. 1511 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-LL. ta' Malta hemm maħsub mill-leġislatur kif jagħti lok *id-dritt ta'* l-irkupru minħabba qrubija fid-demm. Biex ikun hemm dak il-jedd fil-persuna li tkun qrib fid-demm huwa meħtieġ (a) li l-fond mibjugħ irid ikun ta' axxendent komuni sew tiegħu kemm talbejjiegħ, (b) li dak l-istess fond, minn mindu kien ta' dak laxxendent u sal-bejgħ li jkun ta lok għall-irkupru, ma ġie qatt *trasferit lil* persuni li ma kienux neżlin minn dak l-axxendent, u (c) li l-grad li fih il-qarib fid-demm imsemmi, li jkun jiġi mill-bejjiegħ, ma jkunx iżjed bogħod mit-tnax-il grad;

Illi dawn l-elementi konkorrenti jnisslu magħhom ir-riċerka jekk Eleonora Fenech, bint naturali u mhux leġittima ta' *Alfredo Fenech*, u li huwa "alla sua volta" mnissel mill-axxendent Francesco Saverio Fenech, missier omm il-konvenut, għandhiex tiġi skond il-liġi kunsidrata bħala li hija mdaħħla fil-familja Fenech, jew bħala li hija estranea għal dik l-istess familja—minn liema soluzzjoni taż-żewġ ipotesijiet tiddependi s-saħħa jew nuqqas ta' saħħa tal-jedd tal-konvenut;

Illi ma hemmx kwistjoni li t-tfal illeġittimi — "non in odium eorum, sed in odium parentum et in favorem matrimonii" (L. 14, § 2, De ritu nupt. Digesto) — ma għandhomx "*gens*" u lanqas "*familia*"—"nec *gentem* nec *familiam* habent" (ara art. 106, 107, 129 u 130 tal-Kodiċi Ċivili, Ediz. *Riv.* tal-*LL.* ta' Malta); kif ukoll l-istess tfal illeġittimi ma jistgħux jirtu ħwejjeġ il-qraba ta' missierhom u ommhom (ara art. 861 Kodiċi Ċivili, u Appell 15 ta' Marzu 1867, in re "Cini vs. Abela", Kollez. Vol. IV, paġ. 48). Jingħad ukoll li f'dik l-istess sentenza fuq ċitata ġie affermat li min mhux kapaċi jiret, mhux konsangwineu għall-finijiet ta' l-irkupru. Tabilħaqq, huwa ta' min jgħid ukoll li l-leġittima tat-tfal illeġittimi —kif hija wkoll dik tat-tfal leġittimi — mhix, skond il-liġi tagħna, bażata fuq il-prinċipju tad-Dritt Ruman, "quota haereditatis", iżda "quota bonorum" (ara art. 677 tal-Kodiċi Ċivili); u t-tifel illeġittimu jkun kostrett jeħodha bi flus, u ma għandux bħat-tfal leġittimi d-dritt jeħodha mill-beni kollha ta' l-assi—dak li juri u jafferma li l-leġislatur ried jittrattah diversament min-nies tal-familja. Skond il-ġurisprudenza tagħna, anki t-tifel li jiġi leġittimat b'digriet tal-Qorti, ma jistax jeżerċita d-dritt ta' retratt għall-konsangwineità ta' fond mibjugħ minn missieru (ara Kollez. Vol. IV, paġ. 48, Appell 15 ta' Marzu 1867 in re "Benedetto Cini vs. Negozjant Michele Abela");

Illi dina hija wkoll l-opinjoni ta' l-awtoritajiet "in materia". *Infatti* l-Pothier, fit-trattat tiegħu "Dei Retratti", Parte I, Cap. V, paragrafu 141, jgħid: "Onde alcuno possa pretendere di essere di questa famiglia (la famiglia del venditore), bisogna che la parentela, la quale egli ha col venditore, sia legittima; dal che questa massima: Chi non è abile a succedere non lo è a retrarre". Minn liema pass għandu jit-

nissel illi, kieku Eleonora Fenech riedet tirkupra beni ta' *Francesco Saverio* Fenech, li ma kienux ħargu mill-patrimonju tiegħu jew tad-dixxendenti tiegħu qabel ma ġew mibjugħa, hija, bħala tifla *illeġittima* ta' Alfredo Fenech, bin Francesco Saverio Fenech, ma kienetx tkun tista' teżerċita dak l-irkupru, bħala li hija kienet tkun maħruġa, minħabba l-istat tagħha ta' *tifla illeġittima, mill-parentela tal-venditur;* u dana, jerġa' jingħad, il-għaliex hija estranea, u kif kienet tkun estranea allura, tali baqgħet non ostanti l-passaġġ tal-beni in diskussjoni per mezz tat-testment ta' Alfredo Fenech, il-missier tagħha naturali; il-għaliex b'dak l-att ta' l-aħħar volontà t-tifla spurja ma *daħlet qatt* fil-"gens" u "familia" ta' l-istess missierha;

Illi jekk Eleonora Fenech kienet estranea għall-parentela u għall-familja ta' Alfredo Fenech, il-bini li l-missier naturali tagħha seta' wiret minn għand missieru, u li huwa ħalla lilha bit-testment imsemmi, waqgħu f'idejha mhux minħabba l-parentela leġittima u naturali, imma in forza ta' dak l-att biss ta' l-aħħar volontà, li in forza tiegħu dawk l-istess beni ta' l-*axxendenti tal-konvenut* ħarġu mill-patrimonju tiegħu u waqgħu, jew aħjar ġew, għand estranei, b'mod li ġiet b'hekk tonqos it-tieni kondizzjoni meħtieġa skond l-art. 1511 tal-Kodiċi Ċivili sabiex il-konvenut seta', bħala l-qrib fid-demm, jeżerċita fuq dawk l-istess beni r-retratt, fuq u in bażi għat-titolu *tal-konsangwineità;*

Illi kwindi ċ-ċitazzjoni tal-Corradino—apparti li hija inopportuna u diskussa ħafna, u l-istess *Corradino* jiċċita awtorità oħra kontra tagħha—ma għandhiex ebda piż u saħħa filqtugħ tal-punt in kwistjoni kif regolat mill-liġi pożitiva tagħna;

Illi in konklużjoni jingħad li l-konvenut ma kellux dritt jeżerċita l-irkupru in forza tat-titolu tal-konsangwineità fuq *il-fondi mdaħħla fiċ-ċitazzjoni;*

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilit dana l-punt tad-dritt, dina l-Qorti sejra tgħaddi biex teżamina l-kwistjoni l-oħra sollevata mill-konvenut;

*Illi l-konvenut isostni* li bin-nota tat-12 ta' Settembru 1947 huwa u l-attur ittransiġew vertenza li kienet sejra tqum

bejniethom, u kwindi l-lum l-attur ma jistax, la fuq il-vizzju tal-kunsens, la fuq żball ta' dritt, u lanqas il-għaliex dak l-att kien bla kawża, jerġa' jiftaħ il-kwistjoni, skond ma qal hu, transatta;

Ikkunsidrat;

Illi l-impostazzjoni tal-kwistjoni fuq it-terren li fuqu l-konvenut irid iġibha timponi l-eżami tad-dokument tat-12 ta' Settembru 1947, mingħajr ma jiġi traskurat dak li jirriżulta mill-provi li l-kontendenti kienu allura jafu, dawk li juru x'riedu, kif ukoll dawk li juru dak li tkellmu fuqu, x'qalu li għadda minn rashom qabel l-affari, u fl-aħħarnett dak li kienu persważi minnu u dak li kienu jinjoraw;

Illi l-veru karattru ta' konvenzjoni ma jiġix determinat mill-inklużjoni fil-miktub "de quo" tal-kelma kwalifikativa tal-kuntratt, iżda min-natura intrinseka tal-pattijiet li dik il-kitba tkun tikkontjeni. Jekk l-att li jkun jista' jiġi kwalifikat wieħed mill-kuntratti partikulari nominati mil-leġislatur, jew jista' jiġi minflok kwalifikat bħala kuntratt innominat, hija kwistjoni ta' apprezzament imħollija lill-Maġistratura. Minn dawna l-prinċipji jitnissel kwindi li n-nota Dok. "A" fil-fol. 14 tal-proċess, li hija kopja tad-dokument oriġinali in kwistjoni, tista' tingħad li hija transazzjoni jew le minn dina l-Qorti mill-eżami tan-natura intrinseka tal-pattijiet tagħha, jew fiha kontenuti, salva s'intendi l-forma estrinseka mposta mill-liġi "ut pars substantiae", fejn u kif dik il-forma hija hekk rikjesta u mposta;

Illi kwindi huwa tajjeb li jiġi eżaminat id-dok. "A" fol. 14 tal-proċess. Dana d-dokument, li huwa nota ta' Edgar Naudi u Michele Casha wara ċ-ċedola ta' l-irkupru magħmul mill-konvenut fis-26 ta' Awissu 1947 kontra l-attur, jikkontjeni :—

1. Rinunzja mill-parti tal-konvenut Naudi għall-irkupru minnu eżerċitat, riferibilment għall-fondi kollha rkuprati barra milli għall-erba' remissi, li dwarhom l-istess Naudi żamm sħiħ id-dritt minnu eżerċitat;

2. L-obligu li l-istess Naudi assuma li jagħmel benefikati edilizji tal-valur ta' mhux anqas minn £200 li kienu ġew assunti minn Casha fil-kuntratt oriġinali tal-bejgħ li ta' lok għall-irkupru;

3. L-obligu ta' Michele Casha, in vista taċ-ċessjoni u rinunzja ta' Naudi fuq imsemmija, li jagħmel........... ir-rivendizzjoni ta' l-erba' remissi...........;

4. Il-kunsens mogħti minn Naudi sabiex Casha jiżbanka s-somma depożitata biċ-ċedola msemmija, salv il-konteġġ bejniethom fuq iċ-ċens u l-kera...........;

5. Li dik in-nota ġiet iffirmata mill-partijiet...........;

Illi minn dika l-kitba jew miktub jidher :—

1. Li l-att ma ġiex kwalifikat;

2. Li *ebda menzjoni ma saret fil-korp* ta' l-istess att li l-istess kien qiegħed isir il-għaliex bejn il-kontendenti kien hemm xi dubbjezza fuq xi ħaġa, jew li kien qiegħed isir sabiex *tiġi evitata kawża dwar id-dritt tal-konvenut;*

3. Illi t-termini tal-pattijiet użati, u ċjoè il-kliem "jirrinunzja għall-irkupru", "iżomm sħiħ (l-istess irkupru) relativament *għall-erba' remissi*", "*jobliga ruħu* li l-lum stess jagħmel in vista taċ-ċessjoni u rinunzja........... ir-rivendizzjoni", juru—apparti l-assunzjonijiet l-oħra fl-iskritturi menzjonati li *naturalment jiddixendu minnhom* — pjuttost konvenzjoni ta' konċiljazzjoni ġenerika, kompromess fuq ħaġa ammessa miż-żewġ partijiet, anzikkè fuq ħaġa, kif tissejjaħ *mid-Dritt Ruman*, "*quasi de re dubia et lite incerta*" (Ulpiano, L. 1., D. de transactione);

4. Illi l-affermazzjoni ndiskutibili, u mhux bħala ħaġa *dubbjuża, tad-dritt ta' Naudi, kontenuta fl-iskrittura*, u l-adeżjoni ta' Casha li l-istess Naudi jillimita l-eżerċizzju tad-dritt tiegħu għall-erba' remissi biss meta kellu d-dritt jirkupra kollox, skond *il-ħsieb tagħhom timporta rikonjizzjoni* tad-dritt tiegħu mill-parti ta' Casha, u tħassar impliċitament u virtwalment is-sakrifiċċju reċiproku tal-partijiet, li huwa wieħed mill-elementi *neċessarji ta' kuntratt ta' transazzjoni*, Infatti, skond il-ħsieb tal-partijiet, il-konvenut kien qiegħed jirritjeni u jagħti dak li huwa kellu dritt iżomm, imma li dwar dak li kien qiegħed *jagħti kien qiegħed liberament jirrinunzja* u jċedi, b'mod li l-vantaġġ li kien qiegħed jirriżulta minn dak il-miktub kien għalih biss—dak li jħassar ukoll kwalunkwe idea tal-kuntratt *tat-transazzjoni;*

Illi dana li jidher mill-pattijiet jirriżulta wkoll mill-provi. Tabilħaqq, jingħad li l-konvenut, għall-epoka ta' dik il-kon-

venzjoni innominata, kien mhux biss jaħseb, jew, kif jingħad, "plus in opinione quam in veritate", anzi persważ addirittura li huwa kellu d-dritt jirkupra, kif f'dan is-sens erroneament (għal liema żball mhux tenut Casha, fuq il-prinċipju "iniquissimum videtur cuiquam scientia alterius quam sua nocere" —L. 5, Digesto "De Juris et Facti Ignorantia") ġie anki persważ l-attur, kif ukoll huwa fatt aċċertat li l-konvenut Naudi u l-attur Casha, li kienu persważi mid-dritt tal-konvenut stess, kienu qegħdin jittrattaw bejniethom biex Naudi jirrinunzja għall-irkupru, u ma waslux għar-ranġjament dwar ir-rinunzja l-għaliex Naudi ppretenda aktar milli kien ried bla ħlas joffrilu l-attur—daq li juri li qabel dik il-konvenzjoni l-kwistjoni bejniethom ma kienetx dwar l-inċertezza tad-dritt, anzi l-approċċi bażati fuq ir-rikonjizzjoni tad-dritt kienu dwar kemm ried il-konvenut biex ma jeżerċitax dak l-istess dritt wara li Casha kien tħabat ħafna;

Jingħad ukoll li l-istess Naudi kkonfessa li huwa wasal għall-"modus vivendi" kontenut fin-nota tat-12 ta' Settembru 1947 mhux il-għaliex huwa ma kienx persważ mid-dritt tiegħu, jew il-għaliex kellu qatt xi dubju fuqu, non ostanti li kien ġie a konjizzjoni tat-tnissil naturali, u per konsegwenza illeġittimu, tal-venditriċi, imma għar-raġuni li huwa ma kienx preventivament jaf kemm spejjeż kbar utili u neċessarji kien għamel fuq l-art kompriża fir-retratt. L-istess attur qal illi, kieku kien jaf minn qabel b'dawk l-ispejjeż, ma kienx jirkupra, il-għaliex naturalment l-ispejjeż kien ikollu neċessarjament joħroġhom kieku eżerċita r-retratt fuq kollox—dak li juri li r-rinunzja li għamel u l-aċċettazzjoni kontenuta fid-dokument "de quo dicimus" kienet biss ispirata mill-vantaġġ tiegħu waħdu, u ma kienetx tirrappreżenta ebda sakrifiċċju għalih, lanqas mill-punto di vista ekonomiku;

Illi huwa risaput illi l-kuntratt ta' transazzjoni jippresupponi għall-eżistenza tiegħu tliet kondizzjonijiet essenzjali:— 1. Il-kunsens tal-partijiet, u dwar l-iżball ("error") l-istess huwa governat mill-prinċipji ġenerali; 2. l-eżistenza attwali jew il-possibbiltà ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet — "sufficit metus litis instantis vel eventus dubius"; b'mod li t-transazzjoni bla dritt ta' fundament "in jure vel in facto" ma tiġix kunsidrata bħala avverata, u hija obligazzjoni bla kawża, bħal

meta bniedem jittransiġi fuq danni in konsegwenza ta' reat li in segwitu jiġi rikonoxxut meżistenti (ara Duranton 18, no. 395 u segwenti, edizzjoni belga); 3. ir-reċiproċità tal-konċessjonijiet miż-żewġ partijiet (ara Zachariae, Diritto Civile Francese, Vol. V, komment għall-art. 2044 u 2058, paġ. 63, Ediz. Napoli 1862, Giuseppe Marghieri libraio editore; u Professor Giovanni Lomonaco, Nozioni di Diritto Civile Italiano, paġ. 815-816, Ediz. Napoli 1903, Cav. Nicola Jorome & Co. editori). Bla inċertezza ma jistax ikun hemm il-kuntratt tat-transazzjoni, kif ukoll huwa fatt li rinunzja bla rikompensa hija liberalità, u mhux transazzjoni;

Ma hemmx bżonn jingħad li l-kuntratt ta' transazzjoni ma għandux jiġi konfuż ma' konċiljazzjoni ġenerika, jew ma' kompromess, jew ma liberalitajiet oħra, jew ma' remissjoni ta' debitu, jew nudi rinunzji reċiproċi taż-żewġ kontraenti b'sakrifiċċju reċiproku, kif isostnu tant iz-Zachariae fuq ċitat (idem, paġ. 63, nota 1), u Mirabelli, Contratti Speciali, u in ispeċje "Della Transazione", para. 4 in fine). Dawn il-kuntratti jew attijiet, benkè għandhom xi ħaġa in komune mat-transazzjoni, eppure huma figuri ġuridiċi diversi minnha, u għandhom ikunu regolati jew skond ir-regoli proprji tagħhom, jew skond ir-regoli ġenerali u ta' istituti oħra analoġiċi, dipendenti mis-sustanza intrinseka tal-pattijiet tagħhom;

Illi kwindi, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, indipendentement mill-forma estrinseka rikjesta "ad substantam", in-nota tat-12 ta' Settembru 1947, firmata mill-partijiet, tant mill-kliem tagħha kemm mill-ispirtu u mill-provi antecedenti u konkomitanti għaż-żmien meta saret, ma tikkostitwix transazzjoni, imma hija konvenzjoni innominata ta' kompromess amikevoli bejn il-partijiet sabiex jiġu delimitati l-fondi għall-finijiet tar-rivendizzjoni;

Illi skond il-liġi (art. 1017, 1018 u 1019 tal-Kodiċi Ċivili, Kap 23 tal-LL. ta' Malta), jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa; u l-iżball dwar il-liġi ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta dan ikun il-kawża waħdanija jew ewlenija tiegħu; kif ukoll (1) l-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim, u (2) il-ftehim ma jkunx null jekk l-iżball

jaqa' biss fuq il-persuna li magħha jkun sar il-ftehim ħlief meta l-għażla ta' dik il-persuna tkun il-kawża ewlenija ta' dak il-ftehim;

Illi meta l-iżball jaqa' fuq il-persuna li magħha tkun saret il-konvenzjoni, l-istess huwa żball "di fatto" (Ara Annali, Volum X, Parte III, pag. 396, Appell ta' Firenze 3 ta' Awissu 1876 in re "Galassi e Galeffi vs. Caffarelli"); u dwar dan l-iżball mhux biss kwalunkwe kuntratt nominat, kompriża t-transazzjoni, imma kwalunkwe konvenzjoni innominata, tista' tiġi mpunjata bin-nullità. Intqal "anki fil-każ ta' transazzjoni", biex jekk qatt, għal grazzja ta' l-argument, dik in-nota għandha tiġi ritenuta li hija kuntratt ta' transazzjoni, ikun affermat li l-iżball tal-persuna f'dak il-kuntratt kwalifikat timporta ugwalment nullità, il-għaliex l-iżball "circa personam" jikkostitwixxi fl-istess ħin żball fuq il-kontroversja fil-każ ta' dak il-kuntratt kwalifikat. Fil-verità, jgħid iz-Zachariae (opera ċitata fuq, § 769, nota 1, pagina 68), huwa ċar li min jittransiġi ma' Paolo fuq kontroversja relativa għad-dritt li bniedem ikun jaħseb li jkun lilu jikkompeti, mentri fil-fatt ikun jikkompeti lil Giacomo, huwa l-każ li tgħid li tkun qiegħed tittransiġi fuq kontroversja ineżistenti. Fil-każ in diskussjoni, fejn ġie eskluż li l-kwistjoni tivverti fuq kuntratt ta' transazzjoni, l-attur aderixxa li l-konvenut jillimita ċ-ċedola ta' l-irkupru tiegħu għall-erba' remissi, il-għaliex kien ta' opinjoni mhux konsona mal-verità li Naudi kellu d-dritt jirkupra kollox. mentri fil-fatt jirriżulta li fil-verità ma kellux dak id-dritt— liema l-aħħar opinjoni, kieku kienet allura a konoxxenza ta' l-attur, kienet ċertament u bla dubju tarmah bl-oppożizzjoni li huwa, qabel ma saret dik in-nota, fittex li jkollu sabiex jopponi d-dritt eżerċitat mill-konvenut. U jingħad ukoll li huwa, b'dik il-konoxxenza, ma kienx sejjer joffri bla flus waħda mir-remissi lil Naudi sabiex dana jirrinunzja għad-dritt ta' rkupru b'mod li dak li sar, sar bi żball fuq il-persuna;

Illi apparti dana l-vizzju, il-konvenzjoni innominata msemmija u konsegwenti rivendizzjoni huma wkoll infiċjati mill-fatt stess tan-nuqqas tat-titolu vantat mill-istess Naudi, u li hija żball ta' dritt li kien l-uniku u prinċipali kawża ta' dawk l-attijiet; u, kif qal tajjeb l-attur fin-nota tiegħu, skond l-art. 1255 Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, il-

ftehim li fih tkun nieqsa xi waħda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, huwa suġġett għar-rexissjoni, għalkemm ma tiġi pruvata ebda leżjoni. Fis-sens illi l-iżball tad-dritt jipproduċi n-nullità tal-kuntratt meta jkun kawża unika u prinċipali. F'każ analoġiku għal dan in eżami ġie deċiż diġà mill-Qorti ta' l-Appell Tagħna fit-30 ta' Ottubru 1912, *in re* "*Giorgio Vella vs. Saċerdot Don Giuseppe Cuschieri*" (Volum XXI, Parti I, paġ. 541);

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni tinsab biss sorretta fuq il-vizzju tal-kunsens u nuqqas ta' kawża, l-għaliex dwar l-allegazzjonijiet l-oħra l-istess mhumiex sostnuti mill-provi; u dana l-fatt għandu jkollu influwenza fuq il-kap ta' l-ispejjeż;

Illi t-talba għar-rexissjoni ta' l-att tar-rivendizzjoni timporta "*per equipollens*" l-annullament ta' kwalunkwe konvenzjoni li fuqha dik l-istess rivendizzjoni ġiet magħmula;

Ikkunsidrat;

Illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, mogħtija mill-konvenut dwar id-difett tal-kawża tal-ftehim skond l-art. 1266 u 1267 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, hija, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, insostenibili. Tabilħaqq, l-attur ġie jaf binnuqqas ta' titolu fil-konvenut wara t-2 ta' Diċembru 1948, u ċertament mhux qabel, u fl-24 ta' Novembru 1949, b'ittra uffiċjali (notifikata fis-27 ta' Novembru 1949), inġunġa lill-konvenut sabiex jaddivjeni għar-rexissjoni — dak li l-konvenut ma aċċettax li jagħmel, b'mod li kellha ssir il-kawża odjerna. Minn dik l-iskoperta ta' l-iżball ma għaddewx is-sentejn rikjesti għall-preskrizzjoni, li ġiet interrotta bl-ittra uffiċjali msemmija;

**Għal dawn il-motivi;**

**Taqta' u tiddeċidi** billi l-ewwelnett tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn mogħtija mill-konvenut in oppożizzjoni tat-talba attriċi, bl-ispejjeż ta' dana l-punt legali kontra l-konvenut; u t-tieninett, prevja d-dikjarazzjoni li l-kontenut tan-nota tat-12 ta' Settembru 1947 ma huwiex transazzjoni, iżda delimitazzjoni amikevoli dwar xi fondi mdaħħla fir-retratt eżerċitat mill-attur għall-finijiet tar-rivendizzjoni, tiddikjara null u invalidu r-retratt tal-konvenut u l-istess riven-

dizzjoni — l-ewwel att għal difett ta' titolu, u l-aħħar att minħabba żball ta' dritt. U f'dana s-sens biss tilqa', u rispettivament tiċħad, it-talbiet dedotti fl-att taċ-ċitazzjoni. Mingħajr taxxa ta' l-ispejjeż, ad eċċezzjoni ta' dawk li ma ġewx deċiżi; b'dan però li d-dritt tar-reġistru jibqa' kollu a kariku tal-konvenut.